# SEHEM IL-MALTI U L-INGLIŻ FL-EDUKAZZJONI TAGĦNA:

# IL-KAŻ TAL-MATEMATIKA

Marie Therese Farrugia

# Xi għażliet jistgħu jkunu:

- L-użu tal-Ingliż sew għad-diskors u sew għall-kitba (*textbooks*, noti …)
- L-użu tal-Malti sew għad-diskors u sew għall-kitba
- It-taħlit bejn il-lingwi għad-diskors (*code-switching)* u l-użu tal-Ingliż għall-kitba

# L-użu tal-Ingliż

**Vantaġġi**

- it-tfal ikunu esposti għal iktar Ingliż
- it-tfal għandhom opportunità li jużaw l-Ingliż jekk jixtiequ

**Diffikultajiet**

- forsi xi għalliema jħossuhom skomdi
- jista' jkun li xi tfal ma jifhmux il-kunċetti matematiċi
- l-użu tal-Ingliż jista' wkoll jiskoraġġixxi lil xi tfal milli jipparteċipaw

# L-użu tal-Ingliż

Metodu 1: CLIL *(Content Language Integrated Learning*):`nolqtu żewġ għasafar’, il-Matematika + l-Ingliż.

[Fittex bil-Google: “CLIL, Eurydice” għal tagħrif ieħor].

**Ħidma**

- Deċiżjonijiet (skejjel/età)
- Bidla fit-taħriġ tal-għalliema

# L-użu tal-Ingliż

Metodu 2:Immersjoni għax nemmnu li ser ngħinu lit-tfal fil-matematika.

**Ħidma**

- Deċiżjonijiet (skejjel/età)
- Riċerka biex naraw kemm/f'liema aspetti hija effettiva l-immersjoni

# L-użu tal-Malti

**Vantaġġi**

- l-għalliema jħossuhom komdi
- it-tfal jużaw il-lingwa tagħhom, forsi jifhmu iżjed
- it-tfal jipparteċipaw

**Diffikultajiet**

- l-istudenti jridu jaqilbu għall-Ingliż għal-Livell Avvanzat
- għad m'għandniex 'reġistru' matematiku bil-Malti

# L-użu tal-Malti

**Ħidma**

- Jinbena ‘reġistru’ matematiku standard
- Inqabblu l-kurrikula, inklużi l-eżamijiet (Ingliż/Malti)
- Riflessjoni: l-għażla f’idejn min?

  (il-kapijiet, l-għalliema, it-tfal/il-ġenituri?)

# It-taħlit (*code-switching*)

**Vantaġġi**

- l-għalliema forsi jħossuhom komdi
- it-tfal jifhmu u jipparteċipaw

**Diffikultajiet**

- *mixing* esaġerat
- espressjonijiet skorretti (il-*multiply*, niddivajdja…)
- it-taħlit innifsu jista' jfixkel lil xi tfal milli jifhmu l-kunċetti

# It-taħlit (*code-switching*)

**Ħidma**

- l-għalliema jridu jorbtu l-mitkellem mal-miktub (żewġ reġistri differenti). **Ippjanar espliċitu** biex:
  - jużaw u jagħmlu enfasi fuq il-kliem tekniku (li hu bl-Ingliż)
  - iqabblu l-espressjonijiet mitkellma (imħallta) ma' dawk miktuba (bl-Ingliż); jiffukaw fuq l-għamla tal-kitba
  - jorganizzaw attivitajiet biex iġiegħlu lit-tfal jużaw il-lingwa matematika

- irid ikun hemm iktar enfasi fuq l-użu tal-lingwa fis-suġġett waqt it-taħriġ tal-għalliema

# Konklużjoni

Importanti li:

- insaħħu t-tagħlim tal-Ingliż u l-Malti *per se*
- inżommu f'moħħna li l-għażla ta' lingwa/lingwi ġġib magħha deċiżjonijiet u ħidma
- insaħħu dejjem il-pedagoġija tal-matematika

marie.t.farrugia@um.edu.mt


SEMINAR NAZZJONALI
Il-bilingwiżmu fl-edukazzjoni ta’ pajjiżna.
X’inhu l-aħjar għal uliedna?
Is-Sibt, 5 ta’ Diċembru 2010

*Preżentazzjoni B2*



# Il-politika lingwistika tal-istituzzjonijiet Ewropej dwar il-lingwi fl-edukazzjoni

**Ray Fabri**

# Prinċipji bażiċi tal-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea



# Prinċipji bażiċi

L-Unjoni Ewropea:

1) tippromwovi d-diversità lingwistika u kulturali tal-popli tagħha, u

2) tisħaq fuq l-importanza tal-ilsien nazzjonali ta' kull pajjiż.

L-importanza li l-Unjoni Ewropea tagħti lil-lingwi differenti tidher ukoll fil-fatt li hemm Kummissarju Ewropew inkarigat mill-Multilingwiżmu.

# Id-diversità lingwistika

Ir-rispett lejn id-diversità tal-lingwi tal-Unjoni Ewropea huwa prinċipju fundamentali tal-Unjoni.

Fil-prattika din id-diversità lingwistika tidher mill-fatt illi:

l-Unjoni Ewropea

tirrikonoxxi 23 lingwa uffiċjali u

’l fuq minn 60 lingwa reġjonali u minoritarja.

(Għalkemm in-numru jiddependi mid-definizzjoni ta’ lingwa, djalett, eċċ.)

# Id-diversità lingwistika

Id-diversità lingwistika tfisser:

- li kull ċittadin għandu d-dritt jesprimi ruħu bil-lingwa tiegħu ... u dan għandu jiġi attwat fil-prattika, u

- li l-ilsna Ewropej huma ndaqs fil-valur u fid-dinjità, u kull ilsien jifforma parti integrali mill-kultura u miċ-ċiviltà Ewropea

Fid-dawl ta' dan, il-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea tinsisti li, fuq il-bażi tal-ilsien nattiv u nazzjonali, jinbena l-għarfien tal-ilsna l-oħra.

# Id-diversità lingwistika

Id-diversità lingwistika u l-użu tal-ilsna nazzjonali l-Unjoni Ewropea tippromwovihom:

1) permezz ta’ programmi apposta

Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig

2) billi tinkoraġġixxi t-tagħlim tal-lingwi.

# Il-programmi tal-Unjoni Ewropea

1) jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwi f'kull livell ta' edukazzjoni,
2) itejbu l-aċċess għar-riżorsi tat-tagħlim tal-lingwi madwar l-Ewropa,
3) jiżviluppaw u jxerrdu metodi ta' tagħlim innovattivi,
4) jiffaċilitaw il-firxa ta' għodod ta' tagħlim għall-istudenti tal-lingwi, u
5) joħolqu għarfien tal-importanza tal-multilingwiżmu bħala valur ekonomiku u soċjali tal-Unjoni.

# It-tagħlim tal-lingwi



# It-tagħlim tal-lingwi

Fil-laqgħa tal-2002 f'Barċellona, il-kapijiet tal-istati u l-gvernijiet impenjaw ruħhom li jtejbu l-ħiliet lingwistiċi bażiċi taċ-ċittadini tagħhom billi:

iħeġġu lill-istati membri kollha jħarrġu lit-tfal tal-iskola

fil-lingwa nazzjonali u f'żewġ lingwi Ewropej oħra

**qabel ma jagħlqu t-tnax-il sena.**

# It-tagħlim tal-lingwi

L-Unjoni Ewropea nediet pjan ta’ azzjoni:
“Nippromwovu t-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika 2004-2006”.

L-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-multilingwiżmu ssaħħaħ bil-programm il-ġdid għall-Kultura u l-Edukazzjoni għas-snin 2007-2013.

Il-programm jiffoka fuq  it-Tagħlim tul il-Ħajja, il-Kultura, il-Midja, iż-Żgħażagħ fl-Azzjoni, u l-Ewropa għaċ-Ċittadini.

# It-tagħlim tal-lingwi

għandu jkun attività kontinwa matul il-ħajja,

li jibda fl-iskola (jew anki qabel) u

jkompli fil-livelli kollha tal-edukazzjoni
u
l-fażijiet kollha tal-ħajja.

# Il-multilingwiżmu



# Il-multilingwiżmu

It-tagħlim tal-lingwi differenti għandu l-iskop li jagħmel liċ-ċittadini Ewropej

## multilingwi

jiġifieri li jkollhom il-ħila jitkellmu, jiktbu u jifhmu aktar minn żewġ lingwi.

# Il-multilingwiżmu

- jipprovdi benefiċċji personali, soċjali u ekonomiċi għall-individwu u s-soċjetà
- jinkoraġġixxi t-tolleranza, il-ftehim reċiproku u d-djalogu interkulturali
- jinkoraġġixxi l-mobiltà tal-persuni (il-moviment ħieles)
- jagħti aċċess aħjar għal-leġiżlazzjoni, il-proċeduri u l-informazzjoni tal-Unjoni Ewropea

# Il-multilingwiżmu

Id-dinja qed issir dejjem aktar globalizzata u tirrikjedi li nkunu nafu nikkomunikaw b'aktar minn lingwa waħda.

Għalhekk, l-għarfien ta' lingwi differenti jgħinna sabiex nibnu pont,

kemm bejn il-pajjiżi Ewropej, kif ukoll ma' pajjiżi oħrajn barra mill-Ewropa.

# Il-multilingwiżmu

Imma l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi wkoll li kull ċittadin ikun jista’:

- jikkomunika maċ-ċittadini sħabu bil-lingwa tiegħu,
- jikkomunika mal-Unjoni Ewropea bil-lingwa tiegħu, u
- jkun infurmat dwar il-ħidmiet tal-Unjoni bil-lingwa tiegħu.

# Punti ta’ kritika għall-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea



# Punti ta' kritika

Filwaqt li l-politika lingwistika Ewropea timbotta t-tagħlim tal-lingwa nattiva flimkien ma' żewġ lingwi barranin, wieħed jinnota l-użu dejjem akbar tal-ilsna maġġoritarji fi ħdan l-Unjoni.

Fil-fatt, il-mobilità Ewropea hija bbażata fuq l-ilsna maġġoritarji u mhux dawk minoritarji.

Minkejja l-proġetti tajbin li jsiru u r-rettorika tal-Unjoni Ewropea, post l-ilsna minoritarji se jibqa' dak li hu – minoritarju.

# Punti ta' kritika

L-Unjoni Ewropea hija parti integrali mill-proċess ta' globalizzazzjoni,

fejn l-ilsna maġġoritarji, b'mod partikolari l-Ingliż, jisbqu, fl-importanza u s-saħħa, lil ilsna minoritarji, bħal tagħna.

# Is-sitwazzjoni tat-tagħlim u l-għarfien tal-lingwi f'Malti fid-dawl tal-politika tal-Unjoni Ewropea

1. Il-fatti



# Is-sitwazzjoni f'Malta

Fl-iskejjel f'Malta, it-tfal sa minn ċkunithom huma esposti għal żewġ lingwi: il-Malti u l-Ingliż

Fl-iskola sekondarja jagħżlu lingwa barranija oħra u, f'xi każijiet, żewġ lingwi barranin oħra.

Sfortunatament f'ħafna skejjel Maltin l-istudenti jkollhom iwaqqgħu t-tielet lingwa barranija meta jagħżlu xi suġġetti bħax-xjenza fit-tielet sena tas-sekondarja.

# Is-sitwazzjoni tat-tagħlim tal-lingwi f'Malti fid-dawl tal-politika tal-Unjoni Ewropea

2. Xi kummenti



# Is-sitwazzjoni f'Malta

Fil-prinċipju, l-Unjoni Ewropea tittratta l-lingwi kollha bl-istess kejl.

Dan għandu jkun rifless fil-politika tal-pajjiżi membri.

F'Malta, kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż għandhom jingħataw l-istess importanza.

Il-politika lingwistika għandha tiggarantixxi li l-ebda lingwa ma tiddomina fuq l-oħra, la fil-ħajja ta' kuljum, la f'oqsma speċifiċi, u l-anqas fis-sistema edukattiva.

# Is-sitwazzjoni f'Malta

Minkejja r-rebħa kbira li għamlet Malta fil-kamp lingwistiku,

f'kuntest Ewropew il-Malti jibqa' lsien minoritarju li jġorr l-istess salib ta' ilsna simili

– ilsien marġinali bi storja ta' nuqqas ta' saħħa fid-dinja ekonomika, politika, kulturali u teknoloġika.

# Is-sitwazzjoni f'Malta

Il-Malti huwa meqjus bħala lingwa uffiċjali fl-Unjoni Ewropea,

iżda jista' jkun li f'soċjetà li saret tagħmel użu infinit tal-Ingliż (fil-postijiet tax-xogħol, uffiċċji, posta elettronika, eċċ.),

il-Malti qiegħed ikun meqjus bħala l-lingwa tat-tieni klassi jew inkella huwa assoċjat ma' xogħlijiet manwali.

Ma jagħmilx sens li, waqt li l-Unjoni Ewropea tesiġi d-dritt taċ-ċittadin Malti li juża l-Malti fuq livell Ewropew, f'Malta stess il-Malti ma jingħatax l-importanza li tixraqlu.

# Is-sitwazzjoni f'Malta

Hemm dubju kemm l-iskejjel li fihom il-Malti jidħol biss fil-lezzjoni tal-Malti qegħdin konformi mal-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea.

Id-diskriminazzjoni kontra student li ma jingħatax il-possibbiltà li jitgħallem suġġett u li jiġi eżaminat fih bil-lingwa nattiva tmur, għall-inqas fl-ispirtu, kontra l-politika tal-multilingwiżmu tal-Unjoni Ewropea.

# Is-sitwazzjoni f'Malta

Minkejja li fl-iskejjel it-tfal sa minn ċkunithom huma esposti għall-Malti u għall-Ingliż, għad hemm studenti li xorta joħorġu mill-iskola ta' 16-il sena bla ma jkunu kapaċi jiktbu u jaqraw sew, la bil-Malti u lanqas bl-Ingliż.

Hemm bżonn li nintroduċu t-tieni lingwa barranija qabel ma t-tfal jibdew l-iskola sekondarja.

# Is-sitwazzjoni f'Malta

Ir-riżorsi offruti mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-iskejjel (pereżempju l-*European Schoolnet*) mhux qed ikunu sfruttati tajjeb.

L-interess tal-iskejjel Maltin f'dawn l-inizjattivi għadu baxx ħafna meta mqabbel ma' stati membri oħra.

**Dan jista' jkun għaliex is-sillabu tant hu estensiv li l-għalliema qajla jsibu ħin jinkludu attivitajiet oħrajn fil-klassi tagħhom.**

# Is-sitwazzjoni f'Malta

## Kumment tal-aħħar

Il-politika lingwistika tal-Unjoni Ewropea hija ċara daqs il-kristall:

il-lingwa tagħtina identità.

Jekk ma nibżgħux għal-lingwa tagħna aħna, nitilfu dak li jagħmilna Maltin u Għawdxin.

**Iva, nitgħallmu lingwi barranin**

**imma le nbarru lil min hu ta' ġewwa.**

# GRAZZI



‘**Il-Politika Lingwistika tal-UE**

*L-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-edukazzjoni ta' kwalità billi tippromwovi l-mobilità taċ-ċittadini, it-tfassil ta' programmi ta' studju konġunti, il-ħolqien ta' netwerks, l-iskambju ta' tagħrif, kif ukoll impenn għat-tagħlim matul il-ħajja.Il-lingwi huma l-pedament ewlieni li fuqhom jissejsu dawn l-attivitajiet. Iċ-ċittadini multilingwi huma mgħammra aħjar biex jisfruttaw l-opportunitajiet edukattivi offruti minn Ewropa integrata. Il-politika lingwistika tal-UE tippromwovi l-multilingwiżmu u timmira għal sitwazzjoni fejn iċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jitkellmu ta' mill-inqas żewġ lingwi barranin minbarra l-ilsien nattiv tagħhom. Din il-politika tibni fuq it-talba li l-mexxejja tal-UE wrew waqt il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona li seħħ f'Marzu 2002. Dawn xtaqu li kull tifel u tifla fl-UE minn età bikrija għandhom jiġu mgħallma ta' mill-inqas żewġ lingwi barranin.*’

http://ec.europa.eu/education/languages/eu-language-policy/index_mt.htm?cs_mid=183

‘*EU Language Policy*

*The European Union contributes to the development of quality education through a commitment to lifelong learning. Languages are a basic building block behind these activities. Multilingual citizens are better equipped to take advantage of the educational opportunities created by an integrated Europe The EU’s language policy promotes multilingualism and aims for a situation in which every EU citizen can speak at least two foreign languages in addition to his mother tongue. This follows the call by EU leaders at the March 2002 Barcelona European Council that every child in the EU should be taught at least two foreign languages from an early age.*’

http://ec.europa.eu/education/languages/eu-language-policy/index_mt.htm?cs_mid=183

# SEMINAR NAZZJONALI

## IL-BILINGWIŻMU
## FL-EDUKAZZJONI
## TA'
## PAJJIŻNA

# KURRIKULU MINIMU NAZZJONALI

**<<Fil-kuntest ta' dan id-dokument, il-bilingwiżmu jfisser l-użu effettiv, preċiż u kunfidenti taż-żewġ ilsna uffiċjali tal-pajjiż ... Dan l-għan importanti jrid jintlaħaq mill-istudenti sa tmiem il-vjaġġ edukattiv tagħhom.>>**

**Prinċipju 10, paġna 37**

# QBIL ĠENERALI

**Aktar**
**ma titla’ ’l fuq**
**fil-vjaġġ edukattiv,**
**aktar jonqos**
**l-użu tal-Malti**

# Xi Raġunijiet

- Nuqqas ta' testi bil-Malti f'ċerti suġġetti
- L-użu jonqos hekk kif jibda l-istudju ta' suġġetti aktar impenjattivi
- L-Ingliż isir marka ta' distinzjoni u mobilità ekonomika u soċjali
- L-Ingliż hu lingwa franka internazzjonali
- Riċerka

# Is-Sitwazzjoni Preżenti

- **Primarja:** maġġoranza tas-suġġetti akkademiċi mgħallma bil-Malti;
- **Sekondarja:** Malti, Reliġjon, Storja u Studji Soċjali;
- **Postsekondarja u Terzjarja:** l-importanza tal-Ingliż tkompli tikber;
- **Eżempju:** Edukazzjoni Fiżika

# IMMA …

- *Code switching* u *Code mixing*
- Anke fil-klassijiet aktar avvanzati: altru t-testi bl-Ingliż u altru x'jiġri oralment bejn l-għalliem u l-istudenti; użu umli imma bażiku tal-Malti

# Riflessjoni vera?

- Fl-iskejjel tal-Istat hemm predominanza tal-Malti; f'dawk privati u indipendenti jiddomina l-Ingliż;
- ERGO: L-istudenti tagħna huma monolingwi mhux bilingwi

# *J'accuse …*

- Numru ta' skejjel qed jonqsu mill-obbligu etiku u morali li jipprovdu kuntest edukattiv li jgħin lill-istudenti jixxettlu fiż-żewġ ilsna uffiċjali tal-pajjiż

- L-istituzzjonijiet jirriflettu dan in-nifs li bil-Malti ma tmurx 'il bogħod wisq

- Il-letturi f'istituzzjonijiet għolja huma parti integrali minn din l-eġemonija lingwistika

# Illitteriżmu

- KMN: programm ta' tisħiħ?
- *Whole School Approach* (Primarja)
- Kompetenzi bażiċi: Snin 1 – 4

# Bilanċ u Parità

- Idealment fejn jidħlu l-Malti u l-Ingliż is-sitwazzjoni trid tkun waħda ta' bilanċ u parità f'kull livell u f'kull stadju
- M'għandux ikun hemm żbilanċ lingwistiku favur jew kontra f'xi waħda miż-żewġ lingwi
- Hi ħtieġa ekonomika u soċjali ta' pajjiżna li jissaħħaħ l-użu tal-Ingliż fil-klassijiet għolja tal-edukazzjoni obbligatorja; fl-istess ħin għandu jissaħħaħ l-użu tal-Malti għal raġunijiet kulturali u politiċi
- Fil-bidu għandna nisħqu fuq il-Malti imma jista' jinbeda xi ftit Ingliż ukoll
- Biex ikollna tfal bilingwi, hemm bżonn li jitgħallmu xi suġġetti b'testi bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż

# Suġġerimenti (1)

**Politika lingwistika ċara:**

- Dritt li t-tfal jitilgħu f'ambjent edukattiv li jgħinhom jikbru fiż-żewġ lingwi
- Kull skola għandha tfassal il-politika lingwistika tagħha
- Kull kulleġġ għandu jagħti stampa ċara tal-qagħda lingwistika tal-kulleġġ tiegħu u liema strateġiji għandhom jintużaw fit-tagħlim tal-ilsna, fosthom il-Malti u l-Ingliż
- Tiddaħħal il-mentalità li kull għalliem hu responsabbli mill-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti

# Suġġerimenti (2)

- Mill-primarja sal-kwinta, iż-żewġ lingwi għandu jkollhom l-istess importanza
- Fil-livell postsekondarju, il-Malti għandu jibqa' komponent obbligatorju, ukoll jekk ċkejken
- Għall-istudenti preuniversitarji, il-Malti għandu jidħol, b'xi mod, fiċ-ċertifikat tal-Matrikola

# Suġġerimenti (3)

- Aktar kotba aġġornati għall-iskejjel (il-kotba b'xejn jistgħu jkunu ta' dannu)
- Aktar importanza lit-tagħlim tal-grammatika u l-ortografija
- L-għalliema tal-Malti kif ukoll dawn tal-primarja għandu jkollhom bażi soda tal-grammatika u l-ortografija
- Aktar piż fl-eżamijiet lill-grammatika u lill-ortografija

# Suġġerimenti (4)

- Aktar testi bil-Malti
- Żvilupp ta' terminoloġija u idjoma akkademika Maltija
- It-tagħlim tal-Ingliż fil-primarja għandu jibda jsir minn għalliem imħarreġ fl-Ingliż
- Fl-Università, dawk li se jsiru għalliema għandhom jitħarrġu wkoll fil-lingwa li biha ser jgħallmu s-suġġett
- Aktar enfasi fuq l-orali: parti mill-assessjar u mhux biss fil-lingwi

# Il-Kompetenza tal-istudent/a fis-suġġett u fil-lingwa li qed twasslu

Carmel Borg
Ħ'Attard

Diċembru 2009

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Ħafna jisħqu li l-karti tal-eżami ta' ħafna mis-suġġetti għandhom ikunu biż-żewġ lingwi uffiċjali. Akkademiku/lingwista jwissina dwar id-diffikultajiet li jista' joħloq il-proċess ta' traduzzjoni.

- Ħafna jqisu l-*code switching* bħala għażla pedagoġika leġittima. Numru sew iqisu l-immersjoni f'lingwa bħala l-ewwel għażla pedagoġika, qabel il-*code switching*.

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Ħafna insistew dwar il-bżonn ta' konsistenza bejn il-kitba u l-proċess orali tat-tagħlim.

- Numru kbir iqisu l-attitudni u l-kompetenza tal-għalliema u l-ġenituri bħala fatturi kruċjali fl-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti.

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Persuna insistiet li l-proċess tat-tagħlim għandu jkun konxjament u universalment bilingwi, b’assessjar li jirrifletti dan il-proċess.

- Uħud mill-akkademiċi nnutaw li m’hemmx stħarriġ xjentifiku biżżejjed li jikkonkludi li numru ta’ tfal ġew żvantaġġjati minħabba l-lingwa użata waqt l-eżami.

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Politika edukattiva għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tipprovdi opportunitajiet lingwistiċi skont ir-realtà lingwistika tal-klassi/iskola.

- Id-deċiżjoni dwar l-użu tal-lingwa fil-klassi għandha tittieħed mill-komunità tal-iskola u mhux mill-għalliema individwali.

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Xi prinċipali nnutaw li l-eżami orali f'numru ta' suġġetti jista' joffri opportunitajiet akbar biex jitħaddem il-bilingwiżmu fl-iskejjel.
- L-assessjar formattiv għandu jifforma parti integrali mill-politika favur il-bilingwiżmu fil-klassi.

# Punti li ħarġu mill-qari tat-testi

- Politika ġenwinament inklużiva ma tistax tinjora l-firxa kbira ta' possibilitajiet lingwistiċi li l-istudenti jġorru magħhom.

# Ir-rabta ta’ suġġetti partikolari ma’ lingwi partikolari fis-sistema edukattiva

Seminar Nazzjonali

**Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta’ Pajjiżna**

Preżentazzjoni Ċ

**Simone Galea**

"Għandi lingwa waħda biss; u din mhix tiegħi."

"I only have one language; it is not mine."

Jacques Derrida (1992)
*Monolinguism of the Other*



# Il-kwistjoni tal-lingwa li mhix tagħhom

1. Il-fatt li l-istudenti qed jitgħallmu suġġetti b'lingwa li mhix tagħhom

- Tista' tirreferi għall-fatt li suġġetti qed jiġu mgħallma bl-Ingliż; li mhix il-lingwa tagħhom

2. Il-limitazzjonijiet fit-tagħlim meta suġġetti partikolari jiġu mgħallma b'lingwa waħda, anki meta din il-lingwa tkun il-Malti.

- Tista' tfisser ukoll li l-Ingliż ma jafuhx biżżejjed biex iqisuh tagħhom.

# X’inhi s-sitwazzjoni bħalissa?

**Fil-livell Primarju**

l-Ingliż fit-tagħlim tal-Ingliż innifsu, fil-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija. Il-bqija tas-suġġetti bil-Malti.

**Fil-livell Sekondarju**

l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-Iżvilupp Personali u Soċjali (PSD), bil-Malti.

Il-bqija tas-suġġetti l-oħra huma mgħallma bl-Ingliż.

# X’inhi s-sitwazzjoni bħalissa?

**L-użu tal-*code switching***

jintuża biss kull meta l-użu tal-Ingliż jew tal-Malti jkun ta’ xkiel għall-istudenti.

**L-użu tal-Malti jonqos aktar mal-livell tal-edukazzjoni jiżdied?**

# X’inhuma l-problemi tas-sistema preżenti? (1)

1. Il-bilingwiżmu eżistenti hu iktar komplimentari milli parallel.
2. L-impożizzjoni tal-Ingliż fit-tagħlim ta’ ċerti suġġetti...
   a. Aljenazzjoni tat-tfal ... ma jifhmux... imorru ħażin.
   b. Kif taffettwa lil studenti barranin?
3. Il-kwistjoni tal-lingwa fl-assessjar u fit-tagħlim.
   a. L-eżamijiet bl-Ingliż u bil-Malti?
   b. X’inhi l-lingwa li biha qed isir it-tagħlim tas-suġġetti bl-‘Ingliż’?
   ċ. Għala? Nuqqas ta’ kompetenza tal-għalliema fl-Ingliż jew *code switching* b’rispett lejn l-istudenti?

# X’inhuma l-problemi tas-sistema preżenti? (2)

4. Diskriminazzjoni fit-tagħlim minħabba l-lingwa tas-suġġett.

    a. L-Ingliż ixekkel lit-tfal milli jifhmu u jesprimu ruħhom liberament.

    b. It-tagħlim bil-Malti jżid id-dipendenza tal-istudent fuq l-għalliem.

5. Il-kwistjoni tat-testi bl-Ingliż.

    a. Aktar traduzzjonijiet bil-Malti

    Il-Malti ma jibqax il-lingwa tas-suġġetti affettivi biss. Noħolqu kliem ġdid.

    b. Xettiċiżmu. Għandna ħin u riżorsi?

# Dilemma...

**Jekk nużaw iktar il-Malti fl-iskejjel inkunu qed niftħu orizzonti għat-tagħlim tas-suġġetti jew nillimitawhom?**

# X’għażliet għandna?

- Nerġgħu nikkunsidraw liema suġġetti għadhom jiġu mgħallma bl-Ingliż jew bil-Malti?
- Nikkunsidraw jekk hemmx bżonn issir għażla.
- Kif iseħħ il-bilingwiżmu parallel?

# X’għażliet għandna?

- L-għażla tal-lingwa għandha titħalla f’idejn
  - l-iskola ?
  - l-għalliem skont il-bżonnijiet partikolari tal-istudenti?
  - jew l-istudenti jagħżlu l-lingwa li hi iktar familjari għalihom?

- X’inhuma d-diffikultajiet ta’ dawn l-għażliet?

# Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna

Preżentazzjoni D

Carmel AZZOPARDI
Mary Rose MIFSUD

- Il-Malti bħala suġġett ieħor
- Il-Malti bħala lingwa nazzjonali fl-edukazzjoni



# Il-Malti bħala suġġett ieħor

- Il-Malti hu meqjus bħala suġġett ħafif u ma jingħatax l-importanza u l-attenzjoni li tixraqlu.

- Il-Malti għandu anqas lezzjonijiet fil-ġimgħa milli għandu l-Ingliż.

# Lezzjonijiet allokati għall-Malti u l-Ingliż

**Sekondarji**

Malti 4 – Ingliż 5

**Junior Lyceums**

- Klassijiet 1, 2

  Malti 3 – Ingliż 5

- Klassijiet 3, 4, 5
- Malti 3 – Ingliż 6

- Ħafna studenti, anke studenti li jitkaxkru fl-eżami tas-SEC, għandhom Malti fqir fil-grammatika u fl-ortografija.
- L-iskejjel mhux dejjem jipproduċu ċittadini li kapaċi jiktbu tajjeb bil-Malti. Ħafna jagħżlu li ma jiktbux bil-Malti għax ma jafux jiktbu bil-Malti.
- Ngħallmu l-ewwel l-għożża ta' kulturi differenti u mhux nimponu regoli grammatikali.

# Suġġerimenti

- L-għalliema tal-Malti fil-livelli kollha għandhom ikunu kompetenti fil-Malti u jżommu ruħhom dejjem aġġornati .
- Fl-aħħar 3 snin tal-primarja għandu jkun hemm għalliema speċjalizzati.
- Hemm bżonn li s-sillabu tal-Malti jagħti aktar importanza lill-grammatika u lir-regoli tal-ortografija.

- Hemm bżonn li jingħata aktar piż lill-grammatika u lill-ortografija fl-eżamijiet tal-Matrikola.
- Hemm bżonn li s-sillabi tal-Malti jiġu riveduti.
- Hemm bżonn li jkun rivedut il-mod ta' assessjar.

- L-għan tas-sistema edukattiva għandu jkun li kull student jakkwista kompetenza aċċettabbli fil-Malti meta jispiċċa l-iskola sekondarja.
- Hemm lok li wieħed jara hux ta' min jirrevedi l-istruttura tal-eżamijiet tal-Malti bil-għan li jibda jkun hemm karti separati għal-letteratura u għall-grammatika.
- Bħalma f'għadd ta' skejjel hemm jum fost il-ġimgħa ddedikat għal lingwi oħra, għandu jkun hemm jum iddedikat għall-Malti.

- Hemm bżonn li jkun hemm għażla aħjar tal-kotba tal-letteratura tal-Malti. Hemm bżonn ta’ aktar kitbiet letterarji u ta’ aktar traduzzjonijiet ta’ xogħlijiet barranin.

- Hemm bżonn ta’ aktar kotba u ta’ kotba aħjar u aktar aġġornati.

# Il-Malti bħala lingwa nazzjonali fl-edukazzjoni

# Għaliex il-Malti għandu postu fis-sistema edukattiva

- Hu l-ilsien nazzjonali u hu mitkellem mill-parti l-kbira tal-Maltin.
- Jiffaċilita l-komunikazzjoni waqt il-proċess tat-tagħlim.
- Hu wieħed mill-elementi bażiċi li jagħtuna identità.

- Hu r-ruħ tal-kultura Maltija.
- Jgħin fl-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti.
- Jgħin fit-tkattir tar-rispett lejn id-diversità.

# Għaliex l-Ingliż għandu postu fis-sistema edukattiva

- Hu lingwa internazzjonali.
- Hu wirt storiku.
- Hu meħtieġ u essenzjali għall-karriera.

- Bħala lsien versatili hu aktar effiċjenti biex jintuża fl-oqsma tal-ħsieb u tal-għerf.
- Hu utli bħala għodda ta’ komunikazzjoni u tal-kisba tal-għerf.

- Qegħdin fl-era diġitali li hi ddominata mill-Ingliż.
- Hemm il-ħtieġa li jintuża fil-klassi meta jkun hemm studenti barranin li ma jkunux jafu l-Malti.
- Hawn studenti Maltin li l-ilsien mitkellem tagħhom hu l-Ingliż.

# Ambjent edukattiv li jiffaċilita lill-Malti

- F'xi skejjel il-Malti hu predominanti. Ma jintużax biss fil-lezzjoni tal-Malti. Jintuża wkoll f'suġġetti li jkollhom il-kotba bl-Ingliż.
- F'xi skejjel il-Malti jintuża mill-komunità skolastika.

- Studji soċjolingwistiċi juru li l-Malti jintuża aktar fl-iskejjel tal-istat milli fl-iskejjel tal-knisja u fl-iskejjel indipendenti.
- Studji soċjolingwistiċi juru li l-Malti mitkellem qed jissaħħaħ.

# Ambjent edukattiv li jiffaċilita lill-Ingliż

- F'xi skejjel l-istudenti huma aktar esposti għall-Ingliż milli għall-Malti.
- L-Ingliż għandu aktar lezzjonijiet fil-ġimgħa mill-Malti.

- Ħlief f’lingwi oħra u fis-suġġetti ta’ valur affettiv (ir-Reliġjon, l-Istudji Soċjali u l-PSD), il-kotba huma kollha bl-Ingliż, il-lezzjonijiet isiru bl-Ingliż, il-karti tal-eżamijiet ikunu bl-Ingliż, u l-istudenti jiġu mitluba jwieġbu bl-Ingliż.

- Hemm skejjel li fihom l-istudenti jiġu mħajra u anke mġiegħla jitkellmu bl-Ingliż biss.

- Ħafna ġenituri jagħtu aktar importanza lill-Ingliż u anke jippruvaw ikellmu lil uliedhom bl-Ingliż minflok bil-Malti. Il-Malti jingħata anqas importanza u ħafna jqisuh bħala suġġett ħafif.

- L-Ingliż hu meqjus bħala lsien aktar prestiġjuż; hu ħafna aktar aċċessibbli u għodda lingwistika aktar b'saħħitha.

# Effetti tal-iżbilanċ kontra l-Malti

- Fejn il-karta tal-eżamijiet tkun biss bl-Ingliż u l-istudenti jiġu mitluba jwieġbu biss bl-Ingliż l-istudenti Maltin qed isofru diskriminazzjoni.
- Xi drabi jitilfu l-marki u anke jeħlu minħabba li ma jkunux fehmu sew il-mistoqsijiet.
- Meta l-Malti jingħata anqas importanza u f'xi każi jintuża biss fil-lezzjoni tal-Malti:

- Inkunu qed immorru kontra l-ispirtu tal-Kurrikulu Nazzjonali u kontra l-politika lingwistika. Immorru wkoll kontra l-politika tal-multilingwiżmu tal-UE.
- Inkunu qed infallu fil-formazzjoni sħiħa ta' ċittadini Maltin.

- Ma nkunux qed nirriflettu r-realtà tas-soċjetà Maltija.

- Inkunu qed nipproduċu ċittadini li ma jagħrfux japprezzaw l-identità tagħhom u l-wirt nazzjonali.

- Inkunu qed nillimitaw u nxekklu l-proċess tat-tagħlim peress li mhux l-istudenti kollha għandhom kompetenza xierqa fl-Ingliż.

# Koeżistenza u mhux konfrontazzjoni

- Il-bilingwiżmu hu fenomenu komuni fil-kuntest globali. Hu xi ħaġa pożittiva ħafna u ta' vantaġġi kbar.

- Hemm livelli differenti ta' bilingwiżmu: hemm bilingwiżmu bbilanċjat u hemm bilingwiżmu fejn lingwa tiddomina fuq oħra.

- Importanti li l-bilingwiżmu jkun ibbilanċjat, li jkun hemm kontinwità lingwistika u kulturali bejn iż-żewġ lingwi. Xi wħud huma favur il-*code-switching*, oħrajn huma kontra.

- It-tfal jaċċettaw il-bilingwiżmu b'mod naturali.

- Il-ġenituri għandhom irwol importanti ħafna fl-akkwist tal-bilingwiżmu minn uliedhom. Dan jiddependi mill-profiċjenza tagħhom fil-lingwi u mill-istrateġija lingwistika li jadottaw ma' wliedhom.

- Għandna nesponu lill-istudenti għaż-żewġ lingwi. Jekk wieħed ikun espost għal lingwa aktar minn għal oħra, ikollna bilingwiżmu żbilanċjat.

- Il-bilingwiżmu għandu jkun ibbilanċjat fl-attivitajiet kollha tal-iskola u mhux fil-ħin tal-lezzjonijiet biss.

- Il-fatt li tingħata importanza aktar lill-Malti m'għandux ifisser li għandha tingħata anqas importanza lill-Ingliż. U bil-maqlub.
- L-istudenti għandhom jiġu mgħallma jirrispettaw iż-żewġ lingwi.

- Hemm bżonn ta’ politika lingwistika nazzjonali dwar il-bilingwiżmu.

- Hemm bżonn li kull skola jkollha l-politika u l-istrateġija lingwistika tagħha.

# Suġġerimenti

- Riżorsi
- Fuq livell nazzjonali

# Riżorsi

- Hemm bżonn ta' aktar riżorsi sabiex il-Malti jsir għodda effikaċi fil-ħajja moderna u jlaħħaq mal-iżviluppi tal-komunikazzjoni u t-teknoloġija.
- Għandu jsir sforz biex il-Malti jkollu l-għodod lingwistiċi: iċ-ċekkjatur ortografiku, iċ-ċekkjatur grammatikali u d-dizzjunarju elettroniku. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd bla ħlas.
- Għandha tkompli l-ħidma mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti biex il-Malti jsir aktar aċċessibbli.

# Fuq livell nazzjonali

- Għandu jkun hemm kampanja kontra s-sens ta' inferjorità u favur it-titjib fil-komunikazzjoni bil-Malti, kemm fuq livell mitkellem u kemm fuq livell miktub, għaliex għad hawn min iqis il-Malti bħala lsien inferjuri.
- Wieħed għandu janalizza meta u f'liema kuntest qed jintuża l-Malti għax dawn il-fatturi jaffettwaw l-i*status* tal-lingwa.
- Għandu jsir sforz biex il-Malti jkun preżenti fil-kuntesti kollha u fil-livelli soċjali kollha.

# Grazzi